**MINUTI**

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa numru 47 - Laqgha b'urġenza

**8 ta' Mejju 2019**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Saviour Borġ – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farruġia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Saviour Borġ ippresjeda l-Laqgħa.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.

46.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Minħabba li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija, il-Laqgħa tkompliet skont l-Aġenda.

## 47.2 Sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali.

47.2.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ, filwaqt li fakkar li fl-aħħar Laqgħa tal-Kunsill li nżammet nhar l-Erbgħa 24 ta' April 2019 din il-materja kienet diġà issemmiet kif ukoll kien hemm qbil fost il-membri li jkun aktar għaqli jekk huma jingħataw aktar żmien sabiex jikkunsidraw sew dak li kien ġie diskuss dakinhar, reġa' fakkar ukoll lill-Kunsill li wara li telqet id-Deputat Segretarju preċedenti, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali mill-ewwel kien informa lill-Kunsill sabiex minnufih tinħareġ is-Sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll li l-iskrivan tal-Kunsill kien ser itemm l-impjieg tiegħu mal-Kunsill f'nofs Ġunju u għalhekk teżisti l-problema li mhux ser ikun hemm żmien biżżejjed sabiex kemm-il darba tinħareġ is-sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv, min jintgħażel jingħata *hand-over* diċenti.

47.2.2 Għaldaqstant, is-Sindku talab lill-Kunsill jiddeċiedi jekk din is-sejħa għandhiex tinħareġ jew mod ieħor.

47.2.3 Wara diskussjoni interessanti fejn sar aċċenn għall-fatt li skont ir-Riforma għall-Gvern Lokali is-Subartiklu li kien jgħid li Segretarju Eżekuttiv jista' jinħatar fuq bażi *part-time* kien ser jitneħħa żgur, u għalhekk kollox kien jindika li l-Kunsill ma għandux għażla oħra ħlief li s-sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv din id-darba tinħareġ għall-impjieg fuq bażi ta' *full-time* u mhux aktar *part-time* kif kienet tippermetti l-Liġi qabel, il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef saqsa jekk din is-sejħa għandhiex tinħareġ wara l-elezzjoni u li jkun Kunsill ġdid li jiddeċiedi l-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid. Il-membri stqarru li għalkemm f'sitwazzjoni normali hekk kien ikun l-aħjar mod li kellu jsir, minħabba ċ-ċirkustanzi kif ġraw fejn l-iskrivan tal-Kunsill kien ser jirriżenja f'nofs Ġunju ukoll, il-Kunsill Lokali ma għandux għażla oħra ħlief li jipproċedi bil-proċess tal-għażla bit-tama li sa' Ġunju ikun ġie maħtur is-Segretarju l-ġdid ukoll minħabba li jeżisti riskju kbir li l-uffiċċju tal-Kunsill ma jkunx jista' jibqa' jinfetaħ matul il-ħinijiet normali tal-ftuħ tal-Uffiċċju peress li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv attwali, is-Sur George Refalo ma jistax jiġi rilaxxat mir-Rejġjun Għawdex sabiex jassumi r-responsabiltajiet kollha ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

47.2.4 Wara li l-membri qabblu allura li ġaladarba ma hemmx għażla oħra, din is-sejħa ma tistax ma tinħariġx, talbu lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra l-Linji Gwida kif mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li skonthom irid jipproċedi kull proċess f'din is-Sejħa sabiex jiġi kjarifikat il-proċess kollu u jiġu definiti d-dati kemm tal-għeluq tas-Sejħa kif ukoll tal-kompożizzjoni tal-Bord tal-Għażla u ż-żmien li fih iridu jinżammu l-intervisti u jiġi magħżul is-Segrerarju kif ukoll jiġi konkluż il-proċess kollu.

47.2.5 Wara li nqraw il-Linji Gwida fejn instab li s-sejħa trid bilfors tibqa' miftuħa għal għaxar(10) t'ijiem xogħol, is-Sur Horace Micallef saqsa jekk ikunx aħjar li s-Sejħa tinħareġ il-ġimgħa d-dieħla u tagħlaq fl-aħħar ta' Mejju minflok tinħareġ nhar il-Ġimgħa 10 ta' Mejju u tagħlaq lejlet l-Elezzjoni. Wara li ġie diskuss il-proċess li hu mitlub isegwi l-Bord tal-Għażla bejn l-għeluq tas-sejħa u l-intervisti, il-membri qabblu li preferibilment is-Sejħa għandha tiġi ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ġimgħa 10 ta' Mejju sabiex fil-bidu ta' Ġunju jinżammu l-intervisti mal-applikanti u sa' l-ewwel ġimgħa ta' Ġunju jintemm il-proċess kollu.

47.2.6 Għaldaqstant, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv stieden lill-Kunsill sabiex jinnominaw il-membri tal-Bord tal-Għażla filwaqt li fakkar li l-Bord ma jistax ikun kompost minn inqas minn tlett(3) membri u mhux aktar minn ħames(5) membri. Wara ftit ħin ta' deċiżjoni, is-Sindku s-Sur Saviour Borġ offra li jkun parti mill-Bord filwaqt li ftit wara s-Sur Horace Micallef offra ukoll li jifforma parti mill-Bord. u li bħas-soltu għal dan l-impenn ma hemmx ħlas. Wara li għall-benfiċċju tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv intqal li l-membri tal-Kunsill fil-Bord bħas-soltu ser ikunu qegħdin joffru dan is-servizz bħala ħlas, fakkar li jonqos tal-inqas nomina oħra ta' persuna oħra kif ukoll saqsa dwar min kien ser iservi bħala *Chairman* tal-Bord. Għaldaqstant, is-Sindku s-Sur Saviour Borġ innomina lis-Sur Paul Buttiġieġ, ex-Sindku u Kunsillier attwali fil-Kunsill Lokali Qala li minħabba li għandu esperjenza ta' ħamsa u għoxrin(25) sena fil-Kunsilli Lokali, hu l-persuna idonja sabiex iservi ta' membru kif ukoll bħala *Chairman* tal-Bord. Il-Kunsill approva l-kompożizzjoni tal-membri tal-Bord tal-Għażla filwaqt li ġie deċiż li l-istess Bord ikun magħmul minn tlett(3) persuni biss skont kif mitlub mil-Linji Gwida.

47.2.7 Wara li ġie ffurmat il-Bord, is-Sur Horace Micallef staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-intenzjoni tiegħu li japplika jew mod ieħor għal din is-Sejħa sabiex kemm-il darba hemm l-intenzjoni, il-Kunsill ikollu jaħtar ukoll Segretarju tal-Bord. Is-Sur George Refalo filwaqt li ammetta li l-esperjenza tiegħu fil-Kunsill Lokali Fontana ħallietu ħafna jirrifletti minħabba li jħossu kuntent ħafna, informa lill-membri li hu personalment iħoss li għad fadallu ħidma x'joffri fir-Reġjun Għawdex u li għaldaqstant mhux sejjer jissottometti l-applikazzjoni tiegħu.

47.2.8 Wara li kienet konkluża l-kompożizzjoni tal-Bord tal-Għażla, tkompliet id-diskussjoni bejn il-membri dwar il-proċess tal-għażla kollu fejn matulha saru ukoll numru ta' mistoqsijiet dwar l-istess proċess li jrid jiġi segwit kif ukoll saret referenza għal-Linji Gwida sabiex ġew kjarifikati l-istess mistoqsijiet.

**47.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

47.3.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-6.30p.m. u ġiet aġġornata *sine die*.

*Iffirmata*
**Saviour Borg**
**Sindku**

*Iffirmata*
**George Refalo**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**